MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 170/2003

Il-Pulizija
(Spettur Marthese Micallef)
Vs
John Paul Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Lulju 2003, ghall-habta tas-1.00 a.m. f'Ta'Qali :

1) ghamilha ta' parker minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Awtorita' Kompetenti;
2) stieden lil Paul Muscat ghall-glied – Sec. 339 (E);
3) qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha – Art. 342;
4) irrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet lill-Pulizija – Sec. 338 (G);

5) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel xi haga minghajr licenzja ta' l-Awtorita' Kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew regolamenti maghmulin mill-Awtorita' Kompetenti bis-sahha tal-ligi – Sec. 338 (GG).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Settembru, 2003, li biha, wara li rat Sec 339(e), l-Artikolu 342, Sec 338(g), Sec 338 (gg) kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati tal-hames (5) imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li minnha lliberatu w ikkundannatu ghal LM5 emmenda fuq it-tielet (3) imputazzjoni, LM5 emmenda fuq ir-raba (4) imputazzjoni w LM20 emmenda fuq il-hames (5) imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Settembru, 2003, li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tilliberah mil-akkuzi indikati fis-sentenza originali w cioe' it-tielet (3), ir-raba (4) u l-hames (5) akkuzi kif indikati fic-citazzjoni, u fin-nuqqas taghti sentenza anqas oneruza fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tar-rikorrent appellant huma s-segwenti u cioe' li :- 1. mill-provi kollha kien hemm konflitt akbar minn dak li gie rrimarkat mill-Ewwel Qorti u allura l-Qorti kellha tillibera lill-appellant minn kull htija w piena ; 2. li l-Pulizija marret fuq rapport fieragh ta' certu Pawlu Muscat li xehed li l-appellant kien qed jaghmilha ta' parker u li kien stiednu ghall-glied meta din l-akkuza ma tirrizultax skond ma qalet l-Ewwel Qorti ; 3. li ladarba l-Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni w cioe' li ghamilha ta' parker minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-awtorita' kompetenti , ma tistax fl-istess nifs issibu hati kif gie indikat fil-hames akkuza "u aktar talli fl-istess data , lok, hin, u cirkostanzi ghamel xi haga minghajr licenzja ta' awtorita' kompetenti , meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn xi regolament maghmulin mill-awtorita' kompetenti b' sahha ta' ligi sec. 338(gg), " u dana peress li l-prosekuzzjoni f'ebda stadju ma gabet xi prova li hemm regolamenti li jghidu li jrid ikollok xi tip ta' licenzja biex tigi pparkjata

karozza fil-proprjeta' privata tieghek stess u 4. li dwar ir-raba' imputazzjoni w cioe' dak li hu rrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu , fil-fatt hu mhux irrifjuta imma qal li l-I.D. Card tieghu kienet ghand ommu w ghalhekk hu ma kommetta ebda ksur ta' din il-kontravvenzjoni.

Fliet l-atti kollha tal-process;

Semghet ix-xhieda mill-gdid fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2003;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda ta' **WPC Marika Galea** irrizulta li fil-jum , lok u hin imsemmija fil-komparixxi, hija kienet mas-surgent WPS 171 u dan wara li dahal rapport minn certu Paul Mercieca li l-appellant Borg kien qed jaghmilha ta' parker go Ta' Qali idahhal il-cars fir-raba' t'ommu . Meta huma kellmu lill-appellant , dan beda jidghi bil-Madonna w irrifjuta li jatihom il-particulars tieghu w beda joffendi lil Pawlu Mercieca. Dak il-hin kien fit-triq.

**Paul Muscat** li hu parker f' Ta' Qali xehed li l-appellant beda jiggwida l-cars biex jipparkjaw l-ewwel fit-triq umbaghad gor-raba' t'ommu. Kien nehha l-qasab biex ikun jista' jdahhal il-cars hemm. Ma kellux permess biex jaghmel dan. Meta gew il-Pulizija beda jidghi b'Alla w bil-Madonna w ma tahomx il-particulars tieghu.

**WPS 171** xehdet li l-appellant meta marru fuqu kellu torch u ghamlilhom sinjal . Umbaghad beda jidghi u ma riedx jatihom l-I.D. tieghu w mar igib l-ommu. Kien taha isem hazin. Kien qal li ma kellux permess jew licenzja .

**PL Louise Tufigno** xehdet li biex jipparkja cars gol-proprjeta' tieghu ma kienx hemm bzonn li xi hadd ikollu licenzja mill-Malta Transport Authority u tali attivita' mhux regolata mill-MTA.

Rat il-verbal tad-difiza li bih ma nsistietx ghall-produzzjoni ta’ P.C.1 ghaliex accettat il-fatti kif deposti mix-xhieda l-ohra.

Ikkonsidrat ;

Illi in vista tax-xhieda mhux kontradetta tal-Pulizija w ta’ Pawlu Muscat fuq imsemmija w in vista tal-fatt li l-appellant ghazel li ma jixhidx , ftit hemm x’wiehed jghid dwar is-sejbien ta’ htija fuq it-tielet u r-raba imputazzjoni w jidher li dawn gew ampjament pruvati anki quddiem din il-Qorti . Ghalhekk l-appell dwar is-sejbien ta’ htija minnhom huwa nfondat u qed jigi michud.

Dwar is-sejbien ta’ htija dwar il-hames imputazzjoni , bhala fatt ma jirrizultax li l-appellant kellu xi licenzja jew permess biex jipprattika l-attivita’ li kien qed jaghmel u cioe’ li jiggwida l-cars biex jidhlu jipparkjaw fl-ghalqa t’ommu. Pero’ d-difiza tissottometti li ma kienx jirrikjedi licenzja biex jaghmel dan . Il-Prosekuzzjoni pero’ ssostni li ladarba l-appellant kien qed jipprattika attivita’ kummercjali fit-triq , kien qieghed in kontravvenzjoni tal-artikolu 338 (gg) .

Illi dan ir-reat ta’ natura kontravvenzjonali jikkonsisti filli wiehed :

*“minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament f’dan il-Kodici, jew f’ligi ohra, jaghmel xi haga minghajr licenzja ta’ l-awtorita’ kompetenti , meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita’ kompetenti bis-sahha ta’ dik il-ligi.”*

Illi kif sew argumentat id-difiza ma saret ebda prova li l-appellant biex idahhal cars fl-ghalqa t’ommu kellu bzonn xi licenzja ta’ xi awtorita’ u ma saret ebda riferenza ghal xi ligi jew regolament li jirrikjedi dan . Di fatti ir-rapprezentanta tal-Malta Transport Authority xehdet li biex tipparkja vetturi go proprjeta’ privata ma hemmx bzonn permess tal-Awtorita’. Lanqas ma hu l-kaz li l-agir tal-appellant kien jaqa’ taht il-Parking Places Ragulations (L.N. 25/1961) ghaliex dawn jirregolaw biss l-agir ta’ park

attendants go “scheduled parking places” u dawn skond l-iskeda annessa mall-istess regolamenti jinkludu biss il-car park tal-Furjana vicin il-monument tal-Gwerra.

Ghalhekk fl-assenza tal-indikazzjoni mill-prosekuzzjoni ta’ xi ligi jew regolament li tahtu l-appellant kellu bzonn licenzja jew permess biex jipparkja vetturi fl-ghalqa t’ommu, ma hux applikabbli l-artikolu 338 (gg) fuq imsemmi. Ghalhekk l-appell tal-appellant ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta’ htija tal-hames imputazzjoni jidher fondat u qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni u in kwantu sabitu hati tat-tielet u raba imputazzjoni w ikkundannatu jhallas hames liri Maltin (LM5) ammenda ghat-tielet imputazzjoni w hames liri Maltin (LM5) ammenda ghar-raba’ imputazzjoni , u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-hames imputazzjoni w kkundannatu ghoxrin lira Maltin (LM20) ammenda w minnflok issibu mhux hati ta’ din l-imputazzjoni w tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------